MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1007/2001/1

**Cit Nru: 1007/01 JA**

**Joseph Emanuel u Carmen konjugi Ruggier.**

**-vs-**

**Joseph Oliver Ruggier, f' ismu proprju u ghan-nom u in rappreżentanza tas-socjeta' S.O.C & K. Ltd.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fl-4 ta' Gunju, 2001 li bih l- atturi ppremettew:

Illi permezz tac-citazzjoni Nru. 794/94 AJM fl-ismijiet Joseph Oliver ruier f' ismu proprju u ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' S.O.C. & K. Limited versus Joseph Emanuel Ruggier u Carmen, mart l-istess Joseph Emanuel Ruggieg presentat quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili l-konvenut, wara li ppemettew illi l-atturi kienu mouzi fil-hlas tac-cens annwu u perpetwu gravanti l-fond bil-arage anness mieghu, (sic) bl-numru, bl-isem "La Meta", fi Triq l-Ghenba, H' Attard, talbu li l-Qorti sabiex:

a. Tiddikkjara u tiddecidi li minhabba morozita' fil-hlas tac-cens lill-attur nominee kif premess, l-istess konvenut iddekada mill-beneficcju mohti lilu bl-enfitewsi perpetwa kostitwita bil-kuntratt tat-8 ta' Lulju 1980 fl-Atti tan-Nurtar George Bonello du Puis u dana ghar-rigward tal-fond bil-garage mieghu bl-isem "La Meta", Triq l-Ghenba, H' Attard.

b. Tiddikjara terminato rexissa l-imsemmija koncessjoni enfitewtika perpetwa rigwardanti d-dar bil-garage anness maghha, bla numru, bl-isem "La Meta", Triq l-Ghenba, H' Attard, originarjament kostitwita bil-kuntratt premess pubblikat minn Nutar George Bonello Du Puis tat-8 ta' Lulju, 1980.

c. Tikkundanna lill-konvenuti jirrilaxxaw favur l-attur nomine, l-istess (sic) imsmmi fond u garage, u dana f' terminu qasir u perentorju li jigi lilhom pefiss ghal tali skop minn din l-istess Qorti.

d. Tikkunanna (sic) lill-konvenuti jhallsu lill-attur nomine s-somma ta' Lm175 rappresentanti hames skadenzi ta' cens li jaghlqu rispettivament fit-8 ta' Lulju tas-snin

1989, 1990, 1991, 1992, 1993 rispettivament, tali cens annwu ta’ Lm35 fis-sena skond l-istess kuntratt tat-8 ta’ Lulju, 1980, (sic) liea cens kien dovut fuq il-fond “La Meta”, Triq l-Ghenba, H’ Attard.

e. Tinnomina Nutar biex jircievi u jippubblika l-Att opportune u Kuraturi Deputati sabiex jirappresentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

f. Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali datati 28 ta’ Settembru, 1993 u 7 ta’ Marzu 1994 u bl-imghax legali mid-dati tal-iskadenzi sal-effettiv pagament.

Illi l-Prim Awla tal-Qorti Civili, wara li ppremettiet illi c-*citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jippresentaw nota tal-eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci,* bis-sentenza taghha tal-14 ta’ Novembru, 1994, laqghet l-ewwel erba talbiet tal-atturi u cahdet il-hames talba bhala superfluwa, bl-ispejjes tal-ewwel erba’ talbiet kontra l-konvenuti u l-hames talba kontra l-attur propio et. nomine.

Illi kuntrarjament ghal dak li gie ritenut mill-ewwel Onorabbli Qorti (ibbazat fuq l-atti tal-kawza) l-atturi qatt ma gew notifikati jew kienu jafu la bl-att tac-citazzjoni Numru 749/94 AJM u lanqas bl-avviz tas-smiegh tal-istess Kawza (Formola Nru. 92), kif jii pruvat ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u kien proprju ghalhekk illi l-atturi ma ppresentaw l-ebda nota tal-eccezzjonijiet jew risposta u attendewx ghall-udjenza tal-14 ta’ Novembru, 1994 li ghaliha kienet giet appuntata ghas-smiegh il-kawza ‘de quo’, u f’ liema seduta dan il-Qorti ippronuncjat is-sentenza taghha fuq citata;

Illi l-atturi gew a konoxxenza tal-fatti fuq esposti biss fis-27 ta’ Marzu 2001 kif u malli gew notifikati regolarment bir-rikors tal-konvenuti numu 2316/2000 JRM fl-ismijiet Joseph Oliver Ruggier f’ ismu proprju u ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta’ S.O.C. & K. Limited versus

Joseph Emanuel Ruggier u Carmen, mart l-istess Joseph Emanuel Ruggier.

Illi l-atturi ihossu ruhom aggravati bl-imsemmija sentenza tal-14 ta’ Novembru, 1994 tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili ghat-termini tal-Art. 811 (b) tal-Kodici tal-Procedura Civili qeghdin jinterponu umili ritrattazzjoni minnha.

Illi l-aggravji tal-atturi u dawn il-proceduri qeghdin jigu bbazati fuq il-fatt illi l-atturi qatt ma kienu jafu bic-citazzjoni ‘de quo’ u qatt ma gew notifikati bl-avviz ghas-smigh tal-kawza, kif jirrizulta mill-istess att u kif jigi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi huwa car illi sar ukoll zball amministrattiv u li – Registratur tal-Qrati naqas li jinnotifika l-inkartament intier lill-atturi;

Illi konsegwentement isegwi illi ma tezistix u li ma kienx hemm notifika valida tal-atti kif titlob il-ligi (Art. 811 9b), u jirrizulta mill-process illi l-atturi ma kienux gew notifikati bl-Avviz tas-Smiegh tal-Kawza, u li kien ghalhekk li ma kienux deheru ghas-smiegh tal-istess kawza;

Illi dawn il-fatti ma kienux a konjizzjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti meta ippromulgat is-sentenza taghha li minnha qieghed jintalab li ssir ritrattazzjoni;

Illi fil-waqt li l-atturi jaghmlu ampja riferenza ghall-atti kollha tac-citata kawza numru 749/94 AJM u li minn issa jirriservaw li jipproducu dawk il-provi kollha lilhom permessi mill-Ligi;

Ghalhekk jitolbu lill-din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ ghandhiex:

1. Tirrevoka jew thassar is-sentenza taghha moghtija fl-14 ta’ Novembru 1994 fil-kawza fl-ismijiet Joseph Oliver Ruggier f’ ismu proprju u ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta’ S.O.C. & K. Limited versus Joseph Emanuel

Ruggier u Carmen, mart l-istess Joseph Emanuel Ruggier (Citaz Nru. 749/94 AJM) u dan ghat-tenur tal-Art. 811 (b) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili billi ma kienitx saret notifika valida tal-atti kif titlob il-ligi;

2. Ghaliex mghandiex tordna s-smiegh mill-gdid tal-mertu tal-istess kawza, u

3. Ghaliex, fil-mertu, mghandiex tichad it-talbiet tal-konvenuti bl-ispejjes tal-kawza kontra l-istess konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi mahlufa minn Joseph Emanuel Ruggier fit-23 t' April, 2001 u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet li permezz taghha l-konvenut eccepixxa:

1) Illi preliminarjament, t-talbiet attrici huma prekritti primarjament ai termini ta' l-Artikolu 818 (2) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, stante illi s-sentenza li l-atturi qed jitolbu li tigi rrevokata jew mhassra giet moghtija fl-14 ta' Novembru, 1994, u cioe' iktar minn hames snin ilu, u fit-tieni lok, huma preskritti ukoll ai termini ta' l-Artikolu 818 (1) (b) ta' l-istess Kodici kif jista' jigi ppruvat ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet fuq premessi;

2) Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba odjerna ghar-ritrattazzjoni hija wahda irrita u ghalhekk nulla u bla effett stante illi qatt ma' jista jkollha relevanza guridika stante illi l-atturi ma' talbux li l-ezekuzzjoni tas-sentenza attakkata tigi mizmuma, u dan meta diga nbdew il-procedura ghal ezekuzzjoni ta' l-istess sentenza (quddiem din l-istess Onorabbli Qorti) u

meta l-procedura odjerna ma toperax biex twaqqaf l-ezekuzzjoni tas-sentenza ai termini tal-Artikolu 823 (1) liema sentenza issa ghaddiet in gudikat. L-atturi naqsu milli jaghmlu talba ghaz-zamm ta' l-ezekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 823 (2) u milli milli jaghtu garanzija tajba ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza.

3) Illi in meritu u minghajr pregudizzju ghall-premess, kif kkonfermat fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili datata 14 ta' Novembru, 1994, u kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, kontrarjament ghall-premessi attrici *"c-citazzjoni* ***__giet__*** *debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota tal-eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci"* u ghaldaqstant m' hemm ebda bazi legali sabiex is-sentenza mertu ta' din il-kawza tigi revokata. Hawn ta' minn jinnota illi hemm inkonsistenza fil-premessi tal-atturi nnifishom fejn l-ewwel jghidu li huma ma' kienux jafu la bic-citazzjoni u lanqas bl-avviz tas-smiegh imbaghad iktar il-quddiem jhidu li *l-Registratur tal-Qrati naqas li jinnotifika l-inkartament intier lill-atturi"*, u di piu fid-dikjarazzjoni mbaghad jhidu *"jidher li Reuben Ruggier li huwa ibni kien gie notifikat bic-citazzjoni"*, konferma tal-atturi stess illi n-notifika in effetti saret;

4) Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess atturi;

5) Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut proprjo nominee mahlufa minnu fit-28 ta' Settembru, 2001 u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Ottubru 2003 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Illi l-ewwel eccezjoni tal-konvenuti hija fis-sens illi t-talbiet attrici huma preskritti primarjament ai termini tal-artikolu 818 (2) illi jghid tasssattivament illi r-ritrattazzjoni ma tistax tintalab wara t-trapass tal-hames snin mill-ghoti tas-sentenza illi taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni. Il-Qorti se tikkoncentra l-hsieb fuq din l-eccezjoni peress li ovvjament jekk tigi akkolta, ma jkunx hemm lok li wiehed joqghod jezamina l-eccezzjonijiet l-ohra.

Effettivament is-subarikolu imsemmi jghid;

Ma tista tintalab f' ebda kaz ritrattazjoni wara li jghaddu hames snin minn meta tkun inghatat l-ewwel sentenza.

Fil-fehma tal-Qorti hu jidher car li l-legislatur hass li kellhu jimponi zmien li wara t-trapass tieghu kull kawza ma tistax tigi attakkata iktar u dan ghal ragunijiet ovvji. Ma jistax ikun li jibqa element ta' incertezza wara li jigi stabbilit dritt wara process gudizzjarju anke jekk jirrizulta xi wahda mill-possibiltajiet li l-ligi tahseb fihom bhala ragunijiet tajba biex tintalab ritrattazjoni. Dan ir-ragunament hu imsahhah b' zewg fatturi importanti. L-ewwelnett li l-ligi issemmi il-kliem *f' ebda kaz.* Ma jistax ikun hemm affermazzjoni daqshekk cara fir-rigward, specjalment meta dan is-subartikolu jigi wara subartikolu li jindika meta jibda ghaddej it-terminu ta' tlett xhur fil-kazi kontemplati bhala li jaghtu lok ghal ritrattazzjoni

Hemm imbaghad il-fatt illi l-artiklu 819 jghid;

Iz-zmien imsemmi fl-ahhar artikolu huwa perentorju.

Ghaldaqsant fil-fehma tal-Qorti ma hemm ebda dubbju li l-ligi trid li wara li jghaddu hames snin ebda sentenza ma tista tigi attakkata ghall ebda raguni.

**Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti tilqa l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ritrattat u tichad it-talbiet tal-attur, bl-ispejjes kontra l-istess attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------